IX-XGHAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru58(Tmienja u ħamsin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fl-uffiċċju amministrattiv nhar l-Erbgħa 22 ta' Marzu, 2023, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Raymond Camilleri |
| | Anthony Valvo |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**58.1. Item Nru 58.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

58.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.22 u kulħadd kien preżenti

**58.2. Item Nru. 58.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

58.2.1 Il-Minuti ġew moqrija u kien hemm korrezzjoni waħda tas-Sa. Rosabelle Pulis fejn qalet li f'Minuta 56.4.2 tinbidel għal:

Is-Sa. Rosabelle Pulis waqt il-lagħqa innotat li anka hi irċevit l-istess email. Hi qalet li bħal ma tenniet fl-ewwel lagħqa rigward il-pitch tal-boċċi l-importanti li nimxu skont il-liġi u li nimxu skont dak li qara s-Sur Valvo.

Wara dan il-kumment il-Minuti ġew approvati.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1580 – Malta
Tel: 21695839
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGHAJRA

**58.3 Item Nru. 58.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

58.3.1 Is-Sindku qal li ċ-ċint tal-bandli lest mit-tikħil u tibjid u issa imiss li jsir il-waterproofing u jġibu l-bankijiet. L-ispiza taċ-ċint ser tiswa madwar €3,000 u waterproofing ser tiswa madwar €5,000. Minjar dawn ix-xogħlijiet ma stajniex inkomplu bit-twaħħil tal-bandli.

58.3.2 Is-Sindku tkellem fuq il-*jogging track* u qal li applikajna ma' Project Green Malta. Il-Proġett ser jiġi jiswa madwar €2,000,000. Bħalissa l-applikazzjoni tinsab għal evalwazzjoni.

58.3.3 Is-Sindku tkellem dwar il-concession tal-hall u qal li l-Kuntratt tad-devoluzzjoni ser jiġġedded qabel iż-żmien propju din is-sena.

Is-Sur Attard ippropona li minħabba l-fatt li l-parti t'isfel ta' Sqaq il-Ground, il-parti ta' Triq Ras il-Ġebel u ta' Triq il-Knisja madwar in-nursery u l-bar tal-football mhux qed jintużaw mil-Kunsill għalhekk nitolbu d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex meta nġeddu l-Kuntratt nirrilaxxawhom u ma jibqgħux mikrijin lilna. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

58.3.4 Is-Sindku tkellem dwar l-uffiċċju tal-Kunsill u qal li dan sallum għadu minajr titlu. Għalhekk huwa ppropona sabiex nagħmlu l-applikazzjoni tad-devoluzzjoni LC1 u nirregolarizzaw. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

58.3.5 Is-Sindku tkellem dwar espressjoni ta' interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-libreriji u ppropona sabiex napplikaw u nuru l-interess tagħna. Il-ħitan tal-librerija minkejja sar xogħol ta' tibjid madwar 6 xhur ilu rega' qiegħed jitqaxxar u għalhekk napplika sabiex isir xogħol ta' tikħil, kisi u tibjid. Il- Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

58.3.6 Is-Sindku qal li bħalissa hemm skema miftuħa wkoll ta' attivitajiet u s-Sindku ippropona li napplikaw għal attivita ta' madwar €20,000 li tittella' fis-Sajf. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

58.3.7 Is-Sindku tkellem fuq il-bandli tax-Xatt u qal li bħal ma tafu minħabba li l-ispejjeż kienu ser jaqbżu l-ammont konsentit bil-liġi kellha tinħareġ tender u wara li għalqet u saret l-evalwazzjoni il-Bord tal-Evalwazzjoni qed jirrakkomanda li jingħata lil unika offerent għaliex għandu kollox dak li kien mitlub.

Il-Kunsill qabel ma' din ir-rakkomandazzjoni u għalhekk imiss li jkun hemm perjodu ta' ċans fejn isiru l-appelli.

58.3.8 Is-Sur Attard tkellem fuq il-proġett tal-boċċi u qal li wara li kellna l-laqgħa mar-residenti sar qbil magħhom li jiġu bi proposta huma u nerġgħu niddiskutuha. Il-Permess tal-Pitch tal-Boċċi bħalissa ġie sospiż.

Is-Sindku qal ukoll li dil-ġimgħa ġeddejna wkoll il-permess eżistenti li għandna approvat tal-Pitch tal-Basketball.

58.3.9 Is-Sindku qal li dwar iz-zebra crossing tax-Xatt ġibna stima u ser tiswa madwar €3,900. Kulħadd qabel li din issir basta li skond il-pjanta ta' TM.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1580 – Malta
Tel: 21695839
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

58.3.10 Is-Sindku qal li l-ħajt tal-Belvere waqqajnieh biex nevitaw il-periklu u ġibna stimi ta' kemm jiswa biex nerġgħu intellawh. Is-Sindku qal li l-inqas stima hija dik ta' €2,500 u kulħadd qabel biex isir u għalhekk jibda x-xogħol.

58.3.11 Is-Sindku qal li ġibna stimi tal-Palm għax-xatt biex jinbidel il-palm li kien miet u sar qbil li mmorru għal irħas sabiex jinqalgħu l-antiki jintremew u jitħawwlu l-ġodda. Il-Kunsill qabel li din l-ispiża ser tinħareġ mil-fondi tal-WSC li jingħataq skond il-ftehim mal-Komunita tax-Xgħajra.

58.3.12 Is-Sur Attard qal li r-railing tax-Xatt miexi imma bilmod ħafna għalhekk irridu nagħmlu aktar pressjoni bil-miktub sabiex ikollna x'nuru.

58.3.13 Is-Sindku qal li kellna l-ftuħ uffiċċjali taċ-ċentru  Alijoy bil-presenża wkoll tal-Onor. Alison Zerafa Civelli.

58.3.14 Is-Sur Attard qal li dwar il-maġna tal-flixken tal-plastic għadu jagħmel pressjoni sabiex ikollna waħda fix-Xgħajra wkoll. S'issa minajr suċċess pero il-quddiem jista jkun iġibu waħda wkoll.

58.3.15 Is-Sindku ippropona li nagħtu allowance ta' €100 fix-xahar lis-Sur Simon Magro tax-xogħol impekkabli. Il-Kunsill qabel unanimament.

58.3.16 Is-Sindku qal li għandna proposta mit-TCTC fuq tagħlim għat-tfal tal-computer fis-Sajf. Il-Kunsill ikun qiegħed jissussidja dawn il-korsijiet kif ukoll il-printing u distribuzzjoni tal-leaflets. L-ammont eżatt inkunu nafuħ skond kemm ikun hemm applikanti.

**58.4 Item Nru 58.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

58.4.1 Is-Sa. Rosabelle Pulis staqsiet jekk il-ħajt tal-Belveder jistgħux jagħmluh il-ħaddiem assenjati mal-Kunsill. Is-Sindku qal li le għaliex mhux bennejja u irid isir urġenti.

58.4.2 Is-Sa. Pulis staqsiet jekk is-Sindku hux ser jerġa jiltaqa' mar-residenti imma s-Sindku qal li le għalissa qed nistennew sketch bil-proposta li jixtiequ huma.

Is-Sa. Pulis qalet li hi kienet mingħalija li konna qbilna fil-laqgħa mar-residenti li ser nerġgħu niltaqgħu magħhom. Is-Sindku qal li ma jistax ikun issa jekk ma jaqblux kollha bejniethom inkomplu intawlu. Rosabelle kompliet u qalet imma l-importanti li nilħqu kompromess.

Is-Sur Raymond Camilleri qal li dan il-proġett tal-Boċċi għajjieh u xtaq jikkoreġi lill-Viċi Sindku li mhux hu jridu l-pitch imma xi anzjani u hu kien fid-dmir li pproponieha fil-laqgħa.

Is-Sur Anthony Valvo qal li hemm diġa disinjat għal sport għaliex hemm il-basketball court approvat.

Is-Sa. Doris Borg qalet li vera aħna konna diġa ftehmna u mbgħad erġajna dawwarna kollox u taqbel li meta jkollok proġett ġdid ikunu involuti ir-residenti imma d-deċiżjoni finali għandha tkun tal-Kunsill għaliex ma tistax togħġob lil kulħadd.

Is-Sa Borg qalet li b'permezz tal-media soċjali nistgħu nolħqu aktar nies.

IX-XGHAJRA

58.4.3 Is-Sa. Borg xtaqet tirrinġrazzja pubblikament lill-Onor Alison Zerafa Civelli talli onoratna bil-presenza tagħha kif ukoll hekk issa li għandna wkoll l-interactive whiteboard fiċ-ċentru Alijoy.

58.4.4 Is-Sa Borg staqsiet tistax tibda taħdem fuq il-laqgħa mar-residenti barranin sabiex bħala kunsill inkunu nistgħu nilħqu lir-residenti kollha. Kulħadd qabel ma' dan.

58.4.5 Is-Sa Borg staqsiet ukoll jekk tistax tkompli taħdem fuq ħarġa għat tfal sal-Esplora f' isem il-Kunsill. Kulħadd qabel ma' din il-ħarġa.

**58.5 Item Nru. 58.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

58.5.1 Ma kienx hemm rapporti

**58.6 Item Nru. 58.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

58.6.1 Xogħol ieħor ġie diskuss aktar kmieni.

**58.7 Item Nru. 58.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

58.7.1 Pagamenti b'numru 121 ġew approvati unanimament.

**58.8 Item Nru. 58.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

58.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**58.9 Item Nru. 58.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

58.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.40pm

Aġġornament għal nhar il-Erbgħa 26 ta' April, 2023

| | |
|---|---|
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1580 – Malta
Tel: 21695839
E-Mail xghajra.lc@gov.mt